# Il Fratellanza tal-
# Madonna tar-Rużarju
## fil-Bażilika Elenjana ta' Birkirkara



**Mario Fenech**

Wieħed mil-Kwadri sbieh li nsibu fil-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara huwa dak li qiegħed fuq l-Artar tal-Kappellun tan-naħa tal-lemin tal-Artar maġġur.



Dan il-kwadru huwa ta' daqs kbir u li wieħed jista jammira x-xogħol sabieħ li fih, peress li qiegħed f'wesgħa mdaqqsa ta' din il-Bażilika magħrufa sew kemm għal kobor tagħha kif ukoll għall-opri ta' valur artistiku kbir li fiha.

Fuq dan l-Artar hemm il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju li kienet ġiet imwaqqfa fil-knisja l-qadima ta' Santa Marija qabel ma giet ittrasferita għal din il-knisja. Twaqqfet fis-sena 1593.

Il-kwadru ta' fuq l-Artar huwa xogħol tal-artist Francesco Zahra u fih naraw lil Madonna tar-Rużarju fil-għoli fuq magħmul sħab bajdani bil-Bambin Ġesù ħdejha.

Fuq in-naħa tax-xellug tagħha l-artist pitter lil SanDuminku fil-waqt li fuq in-naħa l-oħra huwa pitter lil Santa katerina

ta' Siena. Jidher ukoll fil-font wara l-figuri ta' din il-qaddisa San Vinċens.



Mad-dawra ta' fuq tat-tila l-artist pitter ħmistax il-medaljun żgħar bil-misteri tar-Rużarju Mqaddes fihom, fil-waqt li pitter ukoll allegorja sħiħa ta' anġli kbar u żgħar qegħdin jagħtu tifħir lil Madonna b'dan it-titlu sabieh tar-Rużarju.

Taħt dan il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju hemm sotto kwadru tal-Madonna tad-Duttrina li tagħha għandha ukoll il-Fratellanza mwaqqfa fis-sena 1820, fuq l-artar ta' San Ġużepp u ttrasferita għal fuq dan l-artar bil-ħidma tal-Prepostu Kalcidon Agius fis-sena 1857.

Il-Fratellanza tar-Rużarju tieħu ħsieb tagħmel il-festa tal-Madonna tar-Rużarju f'wieħed mil-Ħdud tax-Xhar t'Ottubru bil-pruċissjoni bl-istatwa tal-Madonna u bis-sehem tal-Fratelli.

L-istatwa tal-madonna tar-Rużarju saret fis-sena 1694 mil-iskultur Ġużeppi Azzopardi mill-Birgu u hija minquxa fl-injam. Din hija l-eqdem statwa proċessjonali li hemm fil-Bażilika ta' Sant'Elena ta' Birkirkara. Kienet għmlet żmien tinħareġ ukoll għal purċissjoni tal-festa tal-Madonna tal-Warda fix-xhar ta' Mejju. Din il-purċissjoni ma baqgħetx issir wara l-ewwel snin tas-seklu għoxrin.

Fratellanza oħra tal-Madonna tar-Rużarju mwaqqfa biex tkompli tifrx id-devozzjoni lejn il Madonna permezz tat-talba sabieħa tar-Rużarju fil-gżejjer Maltin

***Il-festa t-tajba lill Kullħadd.***